MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 67/2011

**Alessandra sive Sandra Radmilli [K.I. Numru 468648(M)], Maria Arrigo [K.I. Numru 498049(M)] f'isimha propju u ghan-nom tal-assenti Dr. Louis Joseph Sant Cassia [K.I. Numru 886546(M)], Mark Pace [K.I. Numru 134750(M)], Marian Galea mart Christopher [K.I. Numru 457956(M)] John Pace ([K.I. Numru 398764(M)]**

**vs**

**Avukat Dr. Noel Bartolo LL.D., u Prokuratur Legali Gerald Bonello nominati b'digriet tal-Bord tat-18/7/2011 bhala kuraturi deputati ghall-assenti Martin Farrugia [K.I. Numru 290263(M)]**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur;

1) Illi r-rikorrenti huwa proprjetarji tal-fond numru erbghin (40) fi Triq San Mikiel, Bormla, liema fond huma jikru lil Martin Farrugia ghal kera ta' mija u hamsa u tmenin Euro (€185.00) fis-sena pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem skond il-kuntratt ta' lokazzjoni datat tlettax (13) ta' Lulju, 2010, kopja ta' liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok SR 01";

2) Illi Martin Farrugia mhuwiex qieghed jaghmel uzu mill-fond sovraindikat u mhuwiex qieghed ihallas il-kera dovuta fir-rigward tad-detenzjoni u l-pussess ta' l-istess fond;

3) Illi n-nuqqas ta' uzu tal-fond inkwistjoni jirrizulta kjarament mis-segwenti fatti:

i. Ir-rikorrenti marru fuq il-post inkwistjoni f'varji okkazzjonijiet u qatt ma sabu lil hadd jew innutaw xi sinjal ta' hajja;

ii. Martin Farrugia jinsab assenti minn Malta u dan gie konfermat wara li r-rikorrenti ghamlu varji tentattivi sabiex jaghmlu kuntatt mieghu kemm billi fitxewh personalment u kemm billi saqsew dwaru ma diversi persuni, fosthom, rapprezentanti ta' l-Organizzazzjoni 'Mid-Dlam ghad-Dawl', liema organizzazzjoni gieli provdiet assistenza sabiex jkun hemm kummunikazzjonijiet bejn il-partijiet stante illi l-istess Farrugia kien ghamel xi zmien fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. It-tentattivi kollha tar-rikorrenti sfaw inutili ghaliex Farrugia baqa' ma instabx u hadd ma setgha jaghtihom ahbar dwaru;

4) Illi stante li Martin Farrugia jinsab assenti, il-kera dovuta minnu fir-rigward tal-fond inkwistjoni mhux qieghed jithallas u dan qed iwassal ghall-akkumulazzjoni ta' varji skadenzi;

5) Illi b'konsegwenza ta' l-assenza ta' Martin Farrugia, kontestwalment ma dan ir-rikors ir-rikorrenti qeghdin jipprezentaw rikors iehor fejn qeghdin jitolbu l-appuntament ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil Farrugia f'dawn il-proceduri;

Ghaldaqstant, abbazi tas-suespost, ir-rikorrenti umilment jitolbu li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra necessarja w opportuna, dan il-Bord joghgbu:

Jiddikjara li l-intimat Martin Farrugia kiser il-kundizzjonijiet tal-kera li jissussistu bejnu u bejn ir-rikorrenti billi mhuwiex qieghed jaghmel uzu mill-fond numru erbghin (40), Triq San Mikiel, Bormla u/jew mhuwiex qieghed ihallas il-kera dovuta;

Jiddikjara mitmuma l-kirja tal-fond numru erbghin (40), Triq San Mikiel, Bormla;

Jordna l-izgumbrament tal-intimat Martin Farrugia mill-fond mikri lilu, ossia, mill-fond numru erghin (40), Triq San Mikiel, Bormla.

Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-proceduri ghal nomina ta' kuraturi kontra Martin Farrugia li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra wkoll ir-risposta tal-kuraturi deputati:

Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimat minnhom rapprezentat u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista' ghandhom dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimat.

Salvi jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi l-provi f'din il-kawza jistghu ikunu brevement riprodotti b'sunt tax-xhieda ta' tnejn mir-rikorrenti. Precedentment bejn il-partijiet kien hemm veljanti kirja ohra fuq l-istess

indirizz izda l-intimat kien ilu ma jhallas kera ghal madwar tlett snin. Kien skopert li l-intimat kien jinsab karcerat izda kellu jkun rilaxxjat fi zmien qasir. Fuq suggeriment tas-socjeta’ Mid-Dlam ghad Dawl kienu mahfura l-arretrati u kien sar ftehim gdid ta’ lokazzjoni (Dok SR01) fejn thallset l-ewwel skadenza ta’ sitt xhur mill-istess socjeta’. Meta l-intimat rega kien moruz is-socjeta’ ddikjarat li ma kienitx ser taghmel tajjeb ghall-kera dovuta mill-intimat kif ukoll li ma kienitx taf fejn jinsab. Il-girien ukoll wiegbu li ma qed jirrisjedi hadd fil-fond lokat. Il-familja tal-intimat ukoll m’ghandhiex hjiel ta’ fejn jinsab;

Illi d-deputati kuraturi jidher li ghamlu d-dover taghhom sabiex jintraccaw lill-intimat biex ikunu f’posizzjoni iwiegbu ahjar ghat-talbiet tar-rikorrenti izda ma inghataw ebda risposta;

Illi ezaminati l-atti t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati u dan il-Bord ma ghandu l-ebda mezz iehor sabiex jikkontrolla jekk kienx hemm xi raguni oggettivament valida ghan-nuqqas ta’ hlas tal-kera jew ghall-abbandun tal-fond u dan minhabba l-assenza totali tal-intimat minn dawn il-proceduri;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u qieghed jipprefigi zmien tletin (30) jum sabiex l-intimat jizgombra mill-fond mertu tal-kawza;

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------